

# Tislima lill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca



Ma' sbieħ il-għodwa tat-Tnejn 21 ta' Marzu 2016, ġriet l-aħbar li Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus ta' Malta, kien ħalla din id-dinja fuq l-art għall-ħajja oħra aħjar fis-sema. Din l-aħbar ħarġet fuq il-midja soċjali permezz ta' twiter b'messaġġ mill-Arċisqof Charles J. Scicluna u fi ftit ħin kienet qed tiddomina l-aħbarijiet Maltin.

Mons. Ġużeppi Mercieca twieled fir-Rabat Għawdex, nhar il-11 ta' Novembru 1928. Wara l-istudji tiegħu fis-Seminarju, huwa ġie ordnat Saċerdot nhar it-8 ta' Marzu 1952. Fis-sena 1974, propju nhar id-29 ta' Settembru, Festa tal-Arkanġli Mqaddsa, huwa ġie kkonsagrat Isqof fil-Katidral tal-Imdina. Sentejn wara, fid-29 ta' Novembru 1976, huwa nħatar Arċisqof ta' Malta, wara li l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien offra r-riżenja tiegħu.

Fost il-ħidma ewlenija tiegħu, żgur li kellu l-ħsieb li jreġġa' lura lil tant nies li fis-snin ta' qabel kienu ħallew il-knisja. Il-motto tiegħu kien 'Ikoll Aħwa fi Kristu' li juri li f'ħidmietu ried ikun inklussiv.

Tul l-episkopat tiegħu, kellna ż-żewġ miġjiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II, bl-ewwel miġja tkun bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 1990 u t-tieni miġja tkun bejn it-8 u 9 ta' Mejju, bil-qofol ta' din l-aħħar miġja tkun il-Beatifikazzjoni ta' tliet Maltin.

Jekk insemmu r-rabta tiegħu mal-Belt Cospicua, tajjeb li ngħidu li kien f'Bormla l-ewwel servizz tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta. Dan kien isemmih huwa stess kull darba li kien jattendi għal xi funzjoni, l-aktar f'dawk ta' żmien il-festa tagħna. Kellu tkun f'Bormla wkoll li jtemm il-ħidma tiegħu bħala Arċisqof, billi fil-ġimgħa tal-festa tas-sena 2006 kien tħabbar li Malta kellha Arċisqof Elett, Mons. Pawl Cremona OP.

Dawk li għandhom ċerta età żgħira, żgur li jifrakru l-Jum tat-8 ta' Diċembru 1980, meta Bormla kienet qed tfakkar il-75 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari. F'dik il-ġurnata, wara l-Pontifikal Solenni ta' Jum il-Festa, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca kien libbes ċurkett f'wieħed mis-Swaba tal-Istatwa ta' Marija Immakulata. L-istess Arċisqof kien preżenti f'Bormla, nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 1990, meta fil-Miġja tal-Papa Ġwanni

Pawlu II, kienet saret laqgħa għall-ħaddiema Maltin f'Misraħ Santa Margerita.

Ma rridux ninsew ukoll il-preżenza tal-istess Arċisqof waqt il-Pellegrinaġġ tad-19 ta' Novembru 1994, meta l-Parroċċa tagħna kienet qed tfakkar iċ-Ċinkwantenarju tal-Pellegrinaġġ Nazzjonali minn Birkirkara għal Bormla. Dakinhar kien hu li flimkien mal-Mexxejja tal-Pajjiż, mexxa l-Pellegrinaġġ minn fejn il-Knisja ta' San Pawl f'Bormla sal-Knisja Parrokkjali. Waqt waqfa fi Pjazza Paolino Vassallo huwa kien għamel il-messaġġ tiegħu għal din l-okkażjoni filwaqt li wara kien ta l-Barka Sagramentali lil dawk preżenti.

Fit-3 ta' Diċembru 1999, l-Arċisqof Mercieca kien mexxa Pellegrinaġġ bl-istatwa ta' Marija Immakulata fit-Tarzna ta' Malta, li fih kienet saret quddiesa tal-okkażjoni għall-ħaddiema u għal dawk kollha li attendew bi ħġarhom għal dan il-Pellegrinaġġ li kien sar biex ifakkar il-bidu tal-Millenju l-Ġdid.

Fis-sena 2005, meta Bormla kienet qed tfakkar l-Ewwel Ċentinarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca kien mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum il-Festa li kienet saret nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju. Irridu nsemmu wkoll li mhux l-ewwel darba li nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni kien ikun preżenti għad-dħul tal-vara lura fil-Knisja.

Fis-snin ta' wara, meta allura kien diġà nħatar bħala Arċisqof Emeritus, kien hemm diversi drabi fejn fuq inizjattiva tas-Sur Mario Cocker, ħabib personali tiegħu, kien jiġi fiċ-Ċentru 19 ta' Novembru 1944, biex jinawgura l-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa organizzata fl-istess Ċentru mis-Sur Mario Cocker inniffsu. Kull darba li għamel dan, kien jieħu interess f'dak kollu li nkunu qed inħejju għall-festa tal-Kunċizzjoni u filwaqt li bit-tbissima tiegħu kien jiċċajta magħna, kien dejjem ifakkarna biex fiċ-ċentru tax-xogħol tagħna nżommu lil Alla u lil Dik li qed naħdmu Għaliha.

Il-funeral ta' Mons Ġużeppi Mercieca sar l-Erbgħa 23 ta' Marzu fil-Katidral tal-Imdina, fejn wara ġie midfun fl-istess Katidral.

